MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Numru 1186/2006

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Jeffrey Cassar, iben Emanuel, imwieled Pieta' fl-24 ta' mejju, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-9 ta' ottubru, 2006 għal ħabta tat-3.00 p.m. waqt li kien fis-Sambro Petrol Station, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' Lm70 bi ħsara ta' Paul Polidano u

Charles Polidano li huma propjetarji tal-petrol station hawn fuq imsemmija;
2. talli fl-istess data, ħin u lok, għamel l-imsemmi qliegħ b’qerq għad-dannu tal-persuni hawn fuq imsemmija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ novembru, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas l-ammont dovut lill-aħwa Polidano.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ jannar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------